A.L. 87 ta' l-1995

ATT TA' L-1995 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. XVIII TA' L-1995)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm10,000,000 6.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2002 (IT-TIENI ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1995 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm10,000,000 6.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:–

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jiftħu t-Tnejn, 26 ta' Ġunju, 1995 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar is-Sibt, 8 ta' Lulju, 1995 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. L-għoti ta' l-i*Stock* jingħata lil min japplika l-ewwel, iżda tingħata preferenza lill-applikanti li m'humiex istituzzjonijiet bankarji.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm10,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm125,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1996.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.45 għal kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fl-10 ta' Ġunju u fl-10 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro-rata relattiv għall-perjodu mid- 9 ta' Lulju, 1995 sa l-10 ta' Diċembru, 1995 għandu jsir fl-10 ta' Diċembru,1995.

Fidwa ta' Stock

7. L-i*Stock* jinfeda b'parità fl-10 ta' Ġunju, 2002.